MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2007

Numru. 1135/2005

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)

vs

Floyd Attard

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Floyd Attard, 21 sena, iben Carmelo u Anna nee' Zammit, imwieled Pieta fl-10 ta' Awissu, 1984 u li joqghod nru. 113, Triq il-Ponta, Isla, detentur ta' karta ta' l-identita nru. 400284(M) li gie mressaq quddiemha akkuzat talli fid-19

ta’ Dicembru, 2005, ghall-habta tat-3.45 p.m. minn gewwa is-St Mark Garage fi Triq id-Dukkar Zabbar :

1. Ikkommetta serq ta’ flus, liema serq hu aggravat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin;

2. Kiser il-provvediment ta’ l-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li kien gie impost fuqu permezz ta’ sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-1 ta’ Marzu, 2004, liema sentenza saret definittiva;

3. Kiser il-provvediment ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li kien gie impost fuqu permezz ta’ sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 28 ta’ April, 2004, liema sentenza saret definittiva;

4. Kiser l-ordni ta’ Probation ai termini ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema ordni giet imposta fuqu permezz ta’ sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 14 ta’ April, 2005, u liema sentenza saret definittiva;

5. Sar recidiv ai termini ta’ l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-1 ta’ Marzu, 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali tat-28 ta’ Marzu, 2006 fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) fl-artikoli 261(c), 267 u 279 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-artikoli 28A sa 28H tal-Kodici Kriminali;
(c) fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali;
(d) fl-artikoli 21, 22 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li fis-seduta tal-21 ta’ April, 2006 l-imputat iddikjara li huwa ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz jirrigwarda serq ta' ammont ta' flus minn garaxx fi Triq id-Dukkar, Haz Zabbar, proprjeta' ta' Alfred Pace, liema serq sar ghall-habta tas-7.10p.m. fid-19 ta' Dicembru, 2005. L-imsemmi Pace, li huwa tellar u *sprayer,* xehed fis-seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006 u spjega li fid-data in kwistjoni kien mar l-imputat fil-garaxx tieghu sabiex jistaqsi dwar vettura li kienet ghall-bejgh. Fl-istess waqt kien hemm certu Marvin Scicluna li kien joqghod f'fond sovrastanti l-garaxx ta' Pace li ghajjat lil dan ta' l-ahhar u waddabblu *envelope* bl-ammont ta' LM1,006.36 (elf u sitt liri Maltin u sitta u tletin centezmi), liema ammont huwa kien sarraflu l-bank. Dan Pace jispjega li l-imputat kien hdejh meta twaddab l-*envelope* u seta' jinduna li kien fih il-flus ghaliex ic-centezmi li kien hemm fl-*envelope* ghamlu hoss ta' cekcik meta l-*envelope* waqa' ma' l-art. Pace qabad l-*envelope* u poggieh fuq mejda ma' *envelope*s ohrajn. Wara ftit l-imputat telaq minn fuq il-post u Pace induna li l-*envelope* bil-flus ma kienx ghadu hemm u ghalhekk mar jaghmel rapport lill-Pulizija.

Il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Alfred Pace giet konkorrata minn huh Paul Pace u minn ibnu Horace Pace li t-tnejn identifikaw lill-imputat bhala l-persuna li kien mar fil-garaxx fil-gurnata in kwistjoni. Marvin Scicluna li xehed fis-seduta tal-21 ta' April, 2006 ikkonferma li huwa kien sarraf xi *cheques* lil Alfred Pace u li l-ammont li kien hemm fl-*envelope* kien ta' LM1,006 (elf u sitt liri Maltin) u xi centezmi.

Permezz ta' l-ewwel akkuza l-imputat qed jigi akkuzat li huwa ikkommetta serq ta' flus aggravat bil-valur li jaccedi l-LM1,000 (elf lira Maltin). Fl-istqarrija minnu rilaxxjata fil-21 ta' Dicembru, 2005 (esebita a *folio* 16 u 17 tal-process), l-imputat ammetta kjarament li huwa kien ha l-*envelope* bil-flus mill-garaxx ta' Alfred Pace. Mill-istqarrija

rilaxxjata mill-imputat ma jirrizultax daqshekk car kemm kien l-ammont li nsteraq minnu ghalkemm huwa jsemmi s-somma ta’ LM1,000 (elf lira Maltin). Huwa izda ammetta li kien ha l-*envelope* in kwistjoni. Mill-provi l-ohra mressqa mill-Prosekuzzjoni u senjatament mix-xhieda ta’ Alfred Pace u Marvin Scicluna irrizulta inekwivokabilment li l-ammont li kien hemm fl-*envelope* kien jeccedi l-LM1,000 (elf lira Maltin) u dan stante li dawn iz-zewg xhieda kkonfermaw li l-ammont ta’ flus li kien hemm fl-*envelope* kien ta’ LM1,006.36 (elf u sitt liri Maltin u sitta u tletin centezmi). Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni ghalhekk irrizulta sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali li l-imputat kien ikkommetta serq aggravat bil-valur li jeccedi l-LM1,000 (elf lira Maltin).

Waqt is-seduta tal-21 ta’ Mejju, 2007, il-Prosekuzzjoni u d-Difiza qablu li mill-fedina penali aggornata ta’ l-imputat (esebita a *folio* 51 sa 59 tal-process) jirrizulta li din il-Qorti kienet diga’ trattat ma’ l-imputat dwar dak li jinsab akkuzat bih permezz tat-tieni akkuza fil-kawza odjerna. In vista ta’ dan il-fatt, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-imsemmija akkuza.

In kwantu jirrigwarda it-tielet, ir-raba u l-hames akkuzi dawn lkoll jirrizultaw ampjament pruvati sal-grad rikjest mill-ligi mill-Prosekuzzjoni (*vide* kopja ta’ sentenzi esebiti a *folio* 18 sa 22 u 23 sa 24 tal-process kif ukoll kopja ta’ sentenza ohra esebita a *folio* 37 u 38 tal-process) u ghalhekk l-imputat qed jinstab hati anki ta’ dawn it-tlett akkuzi. Fil-kaz tal-hames akkuza izda l-Qorti ser tapplika l-Artikolu 289(1) u mhux l-Artikoli 49 u 50.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli kollha msemmija mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-28 ta’ Marzu, 2006 kif ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel, it-tielet, ir-raba u l-hames akkuza izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza ghar-ragunijiet spjegati aktar il fuq u tikkundannah prigunerija ta’ sentejn (2) u multa ta’ mitejn liri Maltin (LM200).

Il-Qorti izda, tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna necessarja sabiex jgheleb il-problema mill-abbuz tad-Droga u ghal dan il-ghan qed tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------